KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fl-1 ta' April 2008 [1]

Introduzzjoni

1. Il-Bundesverwaltungsgericht Ġermaniża (l-ogħla qorti amministrattiva federali) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament ta' ċerti obbligi ta' servizz universali tad-Direttiva tal-Kummissjoni 90/388/KEE, tat-28 ta' Ġunju 1990, dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali] (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva Kompetizzjoni" jew id-"Direttiva 90/388") [2] u tad-Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997, dwar interkonnessjoni fit-telekomunikazzjonijiet fir-rigward ta' l-assigurazzjoni ta' servizz universali u interoperabbiltà permezz ta' l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' provvista ta' netwerk miftuħ [traduzzjoni mhux uffiċjali] (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva Interkonnessjoni" jew "id-Direttiva 97/33") [3].

2. Il-qorti tar-rinviju għandha xi dubji rigward il-leġittimità ta' ċerti spejjeż addizzjonali għal dawk għall-konnessjoni, imposti għall-benfiċċju ta' l-operatur dominanti tan-netwerk lokali, f'settur ikkaratterizzat mil-liberalizzazzjoni [4] li ngħatat bidu mid-Direttiva Kompetizzjoni [5] u mid-Direttiva Interkonnessjoni [6] u laħqet il-qofol tagħha fil-"qafas regolatorju ġdid" [7], li ġie adottat fis-7 ta' Marzu 2002 u li ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2002 [8].

3. L-impriżi li huma obbligati jħallsu dawn l-ammonti addizzjonali qed jikkontestaw il-validità tagħhom [9], billi jinvokaw

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — ĠU L 192, p. 10.

3 — ĠU L 199, p. 32.

4 — Niddeskrivi l-istadji li wasslu għal-liberalizzazzjoni fil-konklużjonijiet tiegħi relattivi għall-Kawżi Maqgħuda C-327/03 u C-328/03, ISIS Multimedia Firma O2, li ġew deċiżi bis-sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2005, Ġabra p. I-8877, għall-kawża C-339/04, Nuova società di telecomunicazioni, li rriżultat fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, Ġabra p. I-6917 u, aktar reċentement, għall-kawżi C-64/07, Telefónica 02 Czech Republic (sentenza ta' l-14 ta' Ġunju 2007, Ġabra p. I-4887) u C-262/06, Deutsche Telekom AG (sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, li għadha ma ġietx ippubblikata).

5 — Emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/19/KE tat-13 ta' Marzu 1996, sabiex tinkiseb kompetizzjoni sħiħa fis-swieq tat-telekomunikazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 74. p. 13).

6 — B'mod partikolari, permezz tal-verżjoni introdotta mid-Direttiva 98/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-24 ta' Settembru 1998 (ĠU L 268, p. 37), applikabbli *ratione temporis*.

7 — B'din l-espressjoni nirreferi, fil-konklużjonijiet tiegħi relattivi għall-kawża Deutsche Telekom, iċċitata iktar 'il fuq, għal erba' direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: id-Direttiva 2002/19/KE, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva ta' l-Aċċess "); id-Direttiva 2002/20/KE, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva ta' Awtorizzazzjoni"); id-Direttiva 2002/21/KE, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva Qafas"); u d-Direttiva 2002/22/KE, dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva Servizz Universali").

8 — ĠU L 108, pp. 7, 21, 33 u 51.

9 — L-idea li wieħed jibbenefika minn obbligu ta' ħlas hi kontradizzjoni fit-termini, anki jekk minn dejjem jeżistu paradossi maħluqa intenzjonalment, bħat-titolu ta' l-opra "L-ilsiera ferħanin", li Juan Crisóstomo de Arriaga minn Bilbao, li kien magħruf bħala l-Mozart Spanjol, ikkompona fl-1820, qabel ma miet meta kellu biss 20 sena, fejn ħalla wirt mużikali mogħni bi kromatiżmi u b'ambivalenzi modali sbieħ.

il-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa, tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u tat-trasparenza amministrattiva.

6. Il-konverġenza ssarrfet f'kuntest ġdid li huwa inkompatibbli ma' l-intervent ta' l-Istat fil-provvista tas-servizz, intervent li kien ixaqleb lejn il-predominanza tar-rieda politika [11], b'detriment għall-emaniċipazzjoni tal-kummerċ.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. Id-Direttiva 90/388 [12]

4. It-tfassil, fl-1987, tal-Green Paper dwar it-telekomunikazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali] [10] tat bidu għall-istabbiliment ta' suq Komunitarju kompetittiv u armonizzat ibbażat fuq il-libertà fl-għażla ta' l-operaturi tat-telekomunikazzjoni.

7. Is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni [13], billi rrikonoxxiet l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għall-entitajiet pubbliċi detenturi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi, qallbet ta' taħt fuq id-dinja tat-telekomunikazzjoni.

5. Id-"deregolamentazzjoni" amministrattiva tas-settur wasslet għal trasformazzjoni kbira tal-kunċett ġuridiku tiegħu, ibbażat fuq il-*publicatio* jew fuq il-ġestjoni esklużiva mill-entitajiet pubbliċi, wara l-għejbien tas-sistema tradizzjonali tal-monopolji Statali, li ma kinitx adattata biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-utenti, dejjem aktar numerużi wara r-rivoluzzjoni li kien hemm fl-industrija.

8. Minkejja l-korrezzjonijiet fil-ġurisprudenza, is-sistema kellha lakuni notevoli, murija mill-komplessitajiet tal-kwistjoni u mill-persistenza ta' swieq dominati mill-operatur Statali, li l-integrazzjoni tagħhom setgħet tinkiseb biss b'dispożizzjonijiet leġiżlattivi konkreti.

9. Ir-reazzjonijiet ġew immultiplikati bil-liberalizzazzjoni mistennija li twettqet

10 — "Green Paper dwar l-iżvilupp ta' suq komuni tas-servizzi u tat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali]", Brussell, 16 ta' Diċembru 1987 COM (87) 290 finali, pp. 6, 16 *et seq.*, ikkompletata minn ċerti proposti biex tkun iggarantita l-uniformità tal-mekkaniżmi ta' awtorizzazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk tal-"Green Paper dwar il-liberalizzazzjoni ta' l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni u tan-netwerks tat-televiżjoni bil-kejbil [traduzzjoni mhux uffiċjali] ", parti II, Brussell, 25 ta' Jannar 1995, COM(94) 682 finali, pp. 61 *et seq.*

11 — Sitwazzjoni li kienet innotata fid-Direttiva 90/388, kif jirriżulta mit-tieni u mis-seba' premessi.

12 — Sostitwita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002, dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. (ĠU L 249, p. 21)

13 — Sentenza ta' l-20 ta' Marzu 1985 (41/83, Ġabra p. 873).

permezz tad-Direttiva 88/301/KEE [14], li ġiet ikkonsolidata sentejn wara bid-Direttiva 90/388, bit-tneħħija tad-drittijiet speċjali jew esklużivi, salv għal ċerti eċċezzjonijiet, li fosthom għandhom jissemmew dik tat-telefonija bil-leħen, li nfetħet għall-kompetizzjoni ħielsa biss permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/19/KE tat-13 ta' Marzu 1996, li emendat l-imsemmija Direttiva 90/388.

10. L-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388 [15] jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jibbilanċjaw mill-ġdid it-tariffi, billi bħala kriterju fundamentali jistabbilixxi ż-żieda fil-prezz tal-provvista tas-servizz universali, mingħajr ma tintesa l-ħtieġa li jiġi ggarantit li n-nies ikunu jistgħu jifilħu għal dan il-prezz u filwaqt li l-possibbiltà għall-impriżi li jagħmlu qligħ, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq, tiġi kkonċiljata mas-sens indispensabbli ta' solidarjetà meħtieġ sabiex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu mis-servizzi ta' telekomunikazzjoni.

2. Id-Direttiva 97/33 [16]

11. Min-naħa l-oħra, il-proċedura ta' armonizzazzjoni [17], parallelament għall-isforzi biex jitneħħew il-limiti li kienu jostakolaw il-kompetizzjoni reali bejn l-operaturi, inkoraġġiet id-dħul ta' operaturi ġodda, billi ġie ggarantit l-istabbiliment ta' bilanċ permanenti bejn il-parteċipanti fil-provvista ta' netwerk miftuħ għal kulħadd [18].

12. Madankollu, din il-proċedura kellha twassal ukoll għall-aċċess u għal-lokalizzazzjoni ta' l-infrastutturi, biex tiġi ggarantita l-interkonnessjoni bejn in-netwerks pubbliċi u d-distributuri tagħhom.

13. Għal dan il-għan, kif indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Telefónica O2 Czech Republic [19], iċċitata iktar 'il fuq, ġiet adottata d-Direttiva 97/33, li tittratta ċerti aspetti finanzjarji tal-konnessjoni bejn l-operaturi, u tipprojbixxi li jiġu ffissati tariffi iktar baxxi mill-ispejjeż reali u fl-istess ħin tipprekludi eventwali eċċessi merkantili billi tipprojbixxi li jintalbu kontribuzzjonijiet ogħla minn dan il-livell (l-għaxar premessa).

14. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 97/33 jipprovdi:

"Il-kontribuzzjonijiet mitluba għall-interkonnessjoni għandhom jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza u ta' l-orjentazzjoni ma' l-ispejjeż. L-oneru tal-prova li l-kontribuzzjonijiet mitluba huma stabbiliti abbażi ta' l-ispejjeż reali, inkluż qligħ

14 — Direttiva tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 1988 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 131, p. 73).

15 — Introdott mill-imsemmija Direttiva 96/19.

16 — Sostitwita mid-Direttiva 2002/21/KE.

17 — Deċiżament estiża mid-Direttiva Qafas tal-Kunsill 90/387/KEE, tat-28 ta' Ġunju 1990, rigward l-istabbiliment tas-suq intern għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni permezz ta' l-implimentazzjoni tal-provvista ta' netwerk miftuħ tat-telekomunikazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 192, p. 1).

18 — Magħruf bl-akronimu Ingliż "ONP", Open Network Provision.

19 — Punti 5 u 6.

raġonevoli fuq l-investimenti, għandu jkun fuq l-organizzazzjoni li tipprovdi l-interkonnessjoni ma' l-installazzjonijiet tagħha. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jitolbu lil organizzazzjoni sabiex tiġġustifika totalment il-kontribuzzjonijiet mitluba għall-interkonnessjoni u, jekk jinħass il-bżonn, jeżiġu l-aġġustament tagħhom. Dan il-paragrafu japplika anki għall-organizzazzjonijiet li jissemmew fil-parti 3 ta' l-Anness I, li ġew innotifikati mill-awtoritajiet regolatorji bħala li jkollhom sehem sinifikanti mis-suq nazzjonali ta' l-interkonnessjoni. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[…]".

15. L-Artikolu 7(4), biex jevita l-frodi, jipprovdi li, skond id-dritt Komunitarju, il-kontribuzzjonijiet mitluba għall-interkonnessjoni jridu jkunu suffiċjentement mhux aggregati, b'tali mod li l-applikant ma jkollux iħallas għal dak li mhux strettament pertinenti għas-servizz.

16. Barra minn hekk, l-abbonati jingħataw id-dritt li jkollhom aċċess għas-servizzi skambjati ta' kwalunkwe fornitur tat-telekomunikazzjoni interkonness, skond id-Direttiva 98/61, li żiedet il-paragrafu 7 ma' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 97/33, li jipprovdi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li d-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' l-interkonnessjoni tkun ibbażata fuq l-ispejjeż, ħalli jiġi evitat li l-kontribuzzjonijiet mitluba ma jneħħux kull inċentiv li jintuża dan is-servizz.

17. Is-sistema Komunitarji dwar il-kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjoni, ibbażata fuq il-ħarsien tal-konsumatur, tipprovdi għal kontribuzzjonijiet mitluba għall-interkonnessjoni li minnhom huma esklużi l-ammonti li mhumiex intiżi biex ikopru l-ispejjeż reali tas-servizzi korrispondenti, u b'hekk tiġi enfasizzata t-trasparenza [20].

B — *Id-dritt Ġermaniż*

18. L-obbligi li għandu l-operatur dominanti biex jagħti aċċess għan-netwerk u jipprovdi interkonnessjoni huma elenkati fl-Artikoli 35 *et seq.* tat-Telekommunikationsgesetz tal-25 ta' Lulju 1996 (il-liġi dwar it-telekomunikazzjoni; iktar 'il quddiem: it-"TKG") [21].

19. L-Artikoli 39 u 27 *et seq* ta' din il-liġi jimponu li l-ħlasijiet kollha konnessi ma' l-aċċess għan-netwerk ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni, b'tali mod li d-detentur ta' liċenzja ma jirċevix aktar ħlasijiet minn dawk awtorizzati mill-awtoritajiet amministrattivi.

20. Il-bażi legali ta' l-ammonti mitluba aggregati bħala rimedju għat-telf ta' l-operatur dominanti tinsab fl-Artikolu 43(6)

20 — Fis-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-33/04 Ġabra p. I-10629), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu meta ma kienx mexa mal-prinċipji tat-trasparenza, billi naqas li jivverifika, skond id-Direttiva 97/33, il-konformità tas-sistemi ta' kontabbiltà ta' l-ispejjeż permezz ta' awtorità kompetenti indipendenti u li jippubblika dikjarazzjoni ta' konformità.

21 — BGBl 1996 I, p. 1120.

tat-TKG, fil-verżjoni emendata mil-liġi tal-21 ta' Ottubru 2002 [22].

II — Il-fatti li wasslu għall-kawżi, il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

21. Arcor AG & Co. KG, Communication Services TELE2 GmbH u Firma 01051 Telekom GmbH joperaw fil-Ġermanja permezz ta' netwerks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni, fejn joffru lill-klijenti rispettivi tagħhom servizz ta' għażla ta' l-operaturi permezz ta' interkonnessjoni man-netwerk lokali ta' Deutsche Telekom.

22. L-awtorità regolatorja timponi fuq Deutsche Telekom l-obbligu li tipprovdi s-servizz Telekom B.2 (lokali), bi skambju għal korrispettiv imħallas minn Arcor AG & Co. KG, Communication Services TELE2 GmbH u Firma 01051 Telekom GmbH.

23. B'digriet tad-29 ta' April 2003, ir-Regulierungsbehörde für Telekommunikation und Post (l-awtorità regolatorja għat-telekomunikazzjoni u għas-servizzi tal-posta) [23], fuq talba ta' Deutsche Telekom, kienet awtorizzat, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 43(6) tat-TKG u b'effett mill-1 ta' Lulju 2003, kontribuzzjoni addizzjonali għas-servizz Telekom–B. 2 (lokali), indipendentement mill-ispejjeż, ta' EUR 0.0004 għal kull minuta, peress li l-profitti li l-klijenti aħħarija kienu jqallgħu lil din l-impriża ma kinux qed ikopru għalkollox l-ispejjeż ta' attivazzjoni tan-netwerk lokali.

24. Kien għadu bilkemm għadda xahar, li l-Kummissjoni [24] mmultat lil Deutsche Telekom EUR 12 000 600 minħabba abbuż ta' pożizzjoni dominanti għaliex talbet lill-kompetituri tagħha, sabiex ikollhom aċċess għan-netwerk lokali, iħallsu somma akbar minn dik li jħallsu l-abbonati tagħha biex jużaw in-netwerk fiss.

25. B'digriet tat-23 ta' Settembru 2003, l-awtorità regolatorja annullat (*ex nunc)* il-miżura li awtorizzat il-kontribuzzjonijiet addizzjonali mitluba, li għalhekk jikkonċernaw biss il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju u t-23 ta' Settembru 2003.

26. It-tliet impriżi li kienu ħallsu l-kontribuzzjonijiet addizzjonali mitluba kkontestaw separatament il-miżura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni.

22 — BGBl 2002 I, p. 4186

23 — Illum il-Bundesnetzagentur für Elektrizität, Gas, Telekommunikation, Post und Eisenbahnen (l-aġenzija federali għan-netwerks ta' l-elettriku, tal-gass, tat-telekomunikazzjoni, tal-posta u tal-ferroviji).

24 — Deċiżjoni 2003/707/KE, tal-21 ta' Mejju 2003 (ĠU L 263, p. 9). Il-kawża ppreżentat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza (kawża T-231/03) ilha pendenti għal aktar minn erba' snin.

27. B'sentenza tat-3 ta' Novembru 2005, il-Verwaltungsgericht (qorti amministrattiva) ta' Cologne laqgħet it-talbiet tagħhom rigward ksur tad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari ta' l-Artikoli 7(2) u 12(7) tad-Direttiva 97/33, kif ġiet emendata mid-Direttiva 98/61.

28. Il-Ġermanja u Deutsche Telekom appellaw quddiem il-Bundesverwaltungsgericht, li, billi kellha xi dubji rigward il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' l-Artikolu 43(6) tat-TKG, issospendiet il-proċedimenti u ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 90/388/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990, [...] u d-Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997, [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-awtorità regolatorja nazzjonali milli tobbliga lill-operatur ta' netwerk ta' konnessjoni interkonness ma' netwerk lokali pubbliku ta' telekomunikazzjoni, iħallas, għassena 2003, lill-operatur tan-netwerk lokali li jinsab f'pożizzjoni dominanti, kontribuzzjoni sabiex jikkumpensa t-telf ikkawżat lil dan l-operatur ta' l-aħħar minħabba t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dan in-netwerk?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

2) Il-qorti nazzjonali għandha tieħu in kunsiderazzjoni n-nuqqas ta' konformità mad-dritt Komunitarju ta' tali obbligu, li jirriżulta minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, fil-proċeduri dwar l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi imposta kontribuzzjoni fuq l-operatur tan-netwerk ta' konnessjoni?"

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

29. Id-deċiżjoni tar-rinviju ġiet irreġistrata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Marzu 2007.

30. B'digriet ta' l-1 ta' Ġunju 2007, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna li t-tliet kawżi jingħaqdu, minħabba l-konnessjoni oġġettiva bejniethom.

31. Ippreżentaw osservazzjonijiet fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Ġermaniż u Deutsche Telekom, li qed jitolbu li dawn id-domandi preliminari jingħataw risposta negattiva kif ukoll l-impriżi rikorrenti fil-kawżi prinċipali u l-Kummissjoni, li qed jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiddeċiedi li l-proċedura hija inkompatibbli mad-dritt Komunitarju.

32. Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008, kienu preżenti sabiex jesponu oralment l-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom ir-rappreżentanti tal-partijiet li pparteċipaw fil-fażi bil-miktub, kif ukoll ir-Renju Unit.

IV — Analiżi tad-domandi preliminari

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja qed teżamina għadd ta' rikorsi fejn il-mezzi ta' telekomunikazzjoni huma ferm importanti, fenomenu li kien ġie previst sa mill-bidunett ta' l-iżvilupp tagħhom minħabba l-potenzjal ekonomiku li jinvolvi l-użu tagħhom.

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

1. Osservazzjonijiet preliminari dwar is-servizz universali

34. Minkejja li jista' jitqies paradossali, wara li fl-1876 il-privattiva għat-telefown ingħatat lil Alexander Graham Bell [25], wara kawża li damet għal żmien twil [26], il-Kungress ta' l-Istati Uniti [27] dan l-aħħar irrijabilita l-memorja u s-suċċessi tat-Taljan Antonio Meucci, fejn irrikonoxxa li diġà fl-1860, huwa kien wera pubblikament fi New York it-tħaddim ta' din l-invenzjoni. Il-mogħdija taż-żmien għalhekk tat lil kulħadd l-għarfien li jixraqlu [28].

35. "Sistema waħda, politika waħda, is-servizz universali" [29]. Din il-fraži [30] tirrifletti r-rieda li l-popolazzjoni kollha tkun konnessa permezz ta' netwerk [31], f'perijodu fejn ir-rivalità bejn Bell Systems u l-kumpanniji indipendenti kienet laħqet il-qofol tagħha [32].

25 — United States Patent Nru 174, 465.

26 — F'dan ir-rigward ara, Evenson, E., *The Telephone Patent Conspiracy of 1876: The Elisha Gray — Alexander Bell Controversy*, Jefferson (North Carolina), McFarland Publishing, 2000; Catania, B., *Il Governo degli Stati Uniti contro Alexander Graham Bell — Un importante riconoscimento per Antonio Meucci*, AEI-Automazione, Energia, Informazione, vol. 86, nru 10 Supplement ta' Ottubru 1999, pp. 1-12; kif ukoll ta' l-istess awtur, *Antonio Meucci finally recognized*, Lecture in the presence of the President of Italy, Carlo Azeglio Ciampi, at the Meucci Day in Rome, 28 May 2003.

27 — Bid-deċiżjoni Nru 269, tal-11 ta' Ġunju 2002 (107 th Congress, 1 st session).

28 — Wara r-risposti tax-xadin bassar, Dun Kixott, idur fuq Sanċu, u jipprevedi: "X'għad jiġri għad jurina […] iż-żmien kixxief tal-ħwejjeġ kollha, ma jħalli l-ebda ħaġa, bla ma joħroġha għad-dawl tax-xemx, ħalli din tkun mistura ġewwa ħdan l-art", Dun Kixott, it-tielet parti, ed. Sensiela Kotba Soċjalisti, 2003, kapitolu XXV, p. 203.

29 — "One policy, one system, universal service".

30 — Qalha Theodore Wail, president ta' l-American Telephone and Telegraph Company, fl-Istati Uniti fl-1907.

31 — Mueller M., *f'Universal service and the new Telecommunications Act: mythology made law*. Communications of the ACM, Rutgers University SCILS, Marzu, 1997; u Renaudin E., *f'L'evolution du Service Universel dans le secteur des télécommunications*, DEA Droit public des Affaires, 2003-2004, Università Pariġi X, Nanterre.

32 — Arlandis J., *f'Service Universal: évolution d'un concept-clé*, Communications et stratégies, l-ewwel trimestru, 1994, Nru 13, p. 41.

36. L-għan hu li għal prezz raġonevoli jiġi offrut, fit-territorju kollu, servizz ta' kwalità, premessi li jissemmew espliċitament rispettivament fl-Artikoli 3 u 9 tad-Direttiva 97/33.

37. Madankollu, marbut ma' din il-missjoni ta' interess ġenerali hemm xi diffikultajiet, peress li, bi gwida inadegwata, hemm ir-riskju li s-soċjetà tispiċċa kkaratterizzata minn dualiżmu bejn dawk li jkollhom aċċess għal netwerks u servizzi partikolari u dawk li ma jkollhomx dan l-aċċess.

38. Biex ikunu evitati d-diffikultajiet, id-dritt Komunitarju jissodisfa kemm il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni kif ukoll dawk tar-regoli tal-kompetizzjoni, billi jagħmel ħiltu sabiex jissalvagwardja s-solidarjetà u l-libertà ta' l-impriżi, mingħajr ma jinsa jikkalkula l-ispejjeż u jaqsamhom bejn l-operaturi kollha, kif jirriżulta mill-Artikolu 5 tad-Direttiva Interkonnessjoni u mill-Artikoli 12-14 tad-Direttiva Servizz Universali.

39. Id-distinzjoni bejn il-kunċett ta' operatur storiku u dak ta' fornitur ta' servizz universali għalhekk issir konsegwenza inevitabbli, b' tali mod li kwalunkwe impriża privata li jkollha biżżejjed kapaċitajiet tkun tista' tassumi dan il-kompitu u, biex ikun evitat li r-rwol ta' ġudikatur jitħallat ma' dak ta' parti, l-Istat jieqaf jagħmilha ta' kuratur u jassumi l-funzjoni ta' sempliċi regolatur [33].

33 — Renaudin E., *op.cit,* p.11.

2. Il-komunikazzjonijiet lokali bħala parti integrali mis-servizz universali

40. It-telefonati lokali jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali, kif jirriżulta mill-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 98/10 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 1998 [34], dwar l-applikazzjoni tal-provvista ta' netwerk miftuħ għat-telefonija bil-leħen u servizz universali għat-telekomunikazzjoni f'ambjent kompetittiv, kif ukoll mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2002/22.

41. Minkejja dan, l-eks-monopolista, sostnuta mill-Gvern Ġermaniż, fl-osservazzjonijiet tagħha, tinterpreta l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388 b'mod stramb, u fil-fehma tiegħi m'għandhiex raġun.

42. Hija qed issostni li din id-dispożizzjoni mhijiex applikabbli peress li Deutsche Telekom ma assumiet ebda obbligu ta' servizz universali.

43. Madankollu, id-diskrepanzi li jirriżultaw bejn il-verżjonijiet tad-dispożizzjoni [35] f'ilsna

34 — ĠU L 101, p. 24.

35 — It-test ta' l-Artikolu 4c ivarja fid-diversi traduzzjonijiet tiegħu: il-verżjoni Franċiża ("imposées") u dik Ġermaniża ("auferlegt wunden") jagħtu idea ta' impożizzjoni; dik Ingliża ("entrusted"), dik Taljana ("assegnati") jew dik Spanjola ("confiadas") jirreferu għal dawn l-obbligi b'toni aktar flessibbli.

Komunitarji differenti huma paradigmatiċi; għalhekk biex tiġi identifikata l-interpretazzjoni eżatta jeħtieġ li tiġi evalwata l-istruttura ġenerali u l-kriterju teleoloġiku li fuqu hi bbażata d-dispożizzjoni [36], dejjem fid-dawl tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra [37].

3. Il-finanzjament tas-servizz universali

a) L-ibbilanċjar mill-ġdid tat-tariffi [38]

44. Jekk tiġi adottata din l-interpretazzjoni jkun faċli li jiġi kkonfutat l-argument, jekk jiġi eżaminat mill-perspettiva tal-liberalizzazzjoni, fejn kwalunkwe impożizzjoni ta' obbligi tassumi dimensjoni sekondarja. L-intervent amministrattiv u l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà jkunu inevitabbli biss jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu jiggarantixxu s-servizz universali, imma sakemm ma sseħħx din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, l-obbligi ta' servizz universali jiġu fdati lir-regoli tas-suq.

46. Ladarba jinħolqu l-kundizzjonijiet bażiċi għall-ftuħ tal-komunikazzjonijiet, l-Avukat Ġenerali Léger [39] fakkar li kompetizzjoni reali tinvolvi bbilanċjar mill-ġdid tat-tariffi, sabiex ikun evitat ir-riskju li l-operatur jikkonċentra l-attivitajiet tiegħu fis-segmenti li jħallu l-iktar qligħ (it-telefonati nazzjonali u internazzjonali), filwaqt li jittraskura s-servizzi li l-inqas iqallgħuh flus (it-telefonati lokali), li l-ġestjoni tagħhom ukoll tirriżulta mill-obbligu ta' servizz universali.

47. Id-Direttiva 90/388 u l-emendi li sarulha mid-Direttiva 96/19 tabilħaqq għandhom dan il-għan. L-għoxrin premessa ta' din ta' l-aħħar tiddeskrivi s-sitwazzjoni li hija għandha l-għan li temenda, fejn kienu jeżistu kategoriji ta' telefonati li ma jħallux qligħ, ikkumpensati mill-qligħ li jħallu segmenti oħrajn ta' attivitajiet ta' l-istess impriża.

45. Fi kwalunkwe każ, il-fatti juru li Deutsche Telekom, qabel u wara (għal aktar mill-95 %) il-liberalizzazzjoni, kienet tieħu ħsieb il-parti tas-servizz universali tat-telefonati lokali.

48. Il-prezzijiet tat-telefonati lokali, artifiċjalment baxxi, kienu jostakolaw il-kompetizzjoni u kienu jiddiswadu

36 — Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 1967, Van der vecht (16/67, Ġabra p. 445); tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, Ġabra p. 1999); u, aktar reċentement, tas-7 ta' Diċembru 2000, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-482/98, Ġabra p. I-10861); ta' l-1 ta' April 2004, Borgman, (C-1/02, Ġabra p. I-3219); u tad-19 ta' April 2007, Profisa (C-63/06, Ġabra p. I-3239).

37 — Sentenza tas-27 ta' Marzu 1990, Cricket St. Thomas (C-372/88, Ġabra p. I-1345, punt 19).

38 — "Rebalancing", bl-Ingliż.

39 — Fil-punti 3 u 4 tal-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati 10 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-500/01, Il-Kummissjoni vs Spanja, li ġiet deċiża bis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Ġabra p. I-583.

lill-kompetituri potenzjali milli jippruvaw jippenetraw fis-segmenti li l-inqas li jħallu qligħ.

49. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja [40], għalkemm tirrikonoxxi li l-Artkolu 4c tad-Direttiva 90/388 ma jiffissa l-ebda terminu għall-ibbilanċjar mill-ġdid tat-tariffi, identifikat fid-Direttiva 96/19 indizji li jindikaw li dan il-bilanċ mill-ġdid kellu jsir b'ritmu kostanti, u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1998 (punt 32).

50. Il-ħames premessa tad-Direttiva 96/19 tipprovdi għal derogi minn dan it-terminu, li jkunu ġġustifikati f'każ ta' networks inqas żviluppati [41] jew żgħar ħafna [42], imma dejjem skond skeda dettaljata.

51. L-ebda waħda minn dawn id-derogi ma hi applikabbli għal dan il-każ, peress li l-bilanċ fil-kontribuzzjonijiet mitluba fil-Ġermanja kellu jintlaħaq fl-2003; madankollu, f'każ simili fejn ma ġewx osservati l-imsemmija termini, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li Franza ma wettqitx l-obbligi tagħha, billi kien ġie stabbilit li l-bilanċ mill-ġdid tat-tariffi skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388, kif emendata, ma kienx inkiseb għal kollox fl-1 ta' Jannar 1998 u li l-Gvern Franċiż la kien ittrażmetta lill-Kummissjoni rapport dwar il-pjanijiet tiegħu għall-abolizzjoni gradwali ta' l-iżbilanċi li kien fadal, u lanqas skeda dettaljata biex jitwettaq dan [43].

b) Sussidji trażversali: strument ta' finanzjament inadegwat għal suq miftuħ għall-kompetizzjoni

52. Fl-estensjoni tal-liberalizzazzjoni, id-Direttiva 97/33 tagħmel użu mill-ingredjenti ta' l-ekwità u tal-proporzjonalità, imħawwra bil-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni (it-tieni premessa), sabiex ittaffi l-kundizzjonijiet ta' l-interoperabbiltà, ippreżentati f'forma ta' separazzjoni tal-kontabbiltà ta' l-attivitajiet, bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe diffikultajiet eventwali kkawżati minn sussidji trażversali inġusti [44], xi ħaġa li mhux faċli tiddiġeriha fuq il-mejda tal-kompetizzjoni ħielsa.

53. B'differenza għal dak li kien jiġri f'sitwazzjoni ta' monopolju, meta kienu permessi dawn it-tipi ta' trasferimenti interni, li permezz tagħhom il-qligħ mill-attivitajiet mhux suġġetti għal restrizzjonijiet kien jiġi assenjat biex ikopri t-telf marbut mal-provvista ta' servizzi soċjali (bħas-servizz universali), dawn it-trasferimenti mhumiex ittollerati fil-kuntest liberalizzat il-ġdid, peress li l-impriżi dominanti jistgħu jużawhom bħala arma biex jeliminaw lill-kompetituri, billi

40 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiwgħ il-paġna 39.

41 — Kif kien il-każ fi Spanja, fl-Irlanda, fil-Greċja u fil-Portugall.

42 — Għal raġunijiet ovvji, il-Lussemburgu.

43 — Punt 35 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-146/00, Ġabra p. I-9767).

44 — Van Bael & Bellis, *Competition Law of the European Community*, Ed. Kluwer Law, ir-raba' edizzjoni, p. 939.

jżommu intenzjonalment prezzijiet predatorji [45] li dawn, minflok ma jimponuhom fuq l-abbonati, jittrasferixxuhom fuq operaturi oħrajn, kif ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali josservaw fis-sottomissjonijiet tagħhom.

54. B'dan il-mod, il-kompetizzjoni tiġi mfixkla, minħabba li l-operaturi l-ġodda, imġiegħla jħallsu kontribuzzjonijiet addizzjonali, iridu jgħollu t-tariffi tagħhom sabiex iżommu l-marġni ta' profitt tagħhom, b'detriment għall-kompetittività tagħhom stess; għaldaqstant l-argument li sostna l-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, jiġifieri li s-sitwazzjoni hija ta' benefiċċju għall-operaturi l-oħra, fosthom Arcor, huwa infondat.

55. Għaldaqstant, Deutsche Telekom hija vvantaġġjata minn protezzjoniżmu li hu inkompatibbli ma' l-Artikoli 82 KE *et seq*, li barra minn hekk jidher li huwa endogamiku, peress li, kif ammettiet din l-impriża fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellha sehem millkapital tagħha ta' 31,7 %, għalkemm waqt is-seduta, ir-rappreżentant ta' Firma 01051 Telekom GmbH allega persentaġġ ta' 43 % [46].

45 — Sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1996, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni (C-333/94, Ġabra p. I-5951), pprovdiet l-istrumenti biex jiġu identifikati.

46 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenzi tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-463/00, Ġabra p. I-4581), u tas-6 ta' Diċembru 2007, Federconsumatori *et* (C-463/04 u C-464/04, Ġabra p. I-10419), ma injoratx "il-preokkupazzjonijiet li, skond iċ-ċirkustanzi, jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li l-Istati Membri jżommu ċerta influwenza fl-impriżi li inizjalment kienu pubbliċi u li wara ġew privatizzati, meta dawn l-impriżi jaġixxu fl-oqsma tas-servizzi ta' interess ġenerali jew strateġiċi".

c) In-nuqqas ta' aċċess

56. Ikun hemm telf meta l-ispejjeż li jintefqu biex ikun ipprovdut l-aċċess għan-netwerk lokali lill-impriżi l-ġodda jkunu ogħla millqligħ iġġenerat minn din l-attività.

57. Din iċ-ċirkostanza sfavorevoli għandha l-għeruq tagħha fil-monopolju, meta l-parametri finanzjarji kienu jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-possibbiltajiet kontributivi talklijent aħħari u s-solidarjetà kienet tipprekludi kontribuzzjonijiet eċċessivi, bil-konsegwenza li l-ispejjeż reali tas-servizz ma kinux qed jiġu koperti.

58. Madankollu, id-dritt Komunitarju m'għadux jaċċetta l-ipoteżi li ppreżentaw il-Gvern Ġermaniż u Deutsche Telekom, u l-mument tal-bidla ġie ffissat għall-1 ta' Jannar 1998, b'estensjoni eventwali sa l-1 ta' Jannar 2000 biex ikun żgurat li, fil-perjodu tranżitorju, l-ex monopolisti jadattaw irwieħhom għall-elementi ġodda u jibbilanċjaw mill-ġdid l-ammonti li għandhom jirċievu.

59. Dan huwa dak li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/322/

KE [47] tat-8 ta' April 1998, u mill-Komunikazzjoni tas-27 ta' Novembru 1996 [48] li ppreċedietha.

60. Il-motiv huwa evidenti: is-separazzjoni bejn il-kontribuzzjonijiet għall-interkonnessjoni u dawk relattivi għas-servizz universali tisfuma jekk ikunu ammissibbli kontribuzzjonijiet oħrajn bħala alternattiva għall-ibbilanċjar mill-ġdid tal-prezzijiet, li appuntu, jiffavorixxi minbarra t-tneħħija ta' l-ostakli għall-għażla minn qabel ta' l-operatur, anki l-eliminazzjoni tad-defiċit eventwali.

d) Kontribuzzjonijiet mitluba b'mod addizzjonali għal dawk għall-konnessjoni: miżura effimera

61. L-argument tal-Ġermanja u ta' Deutsche Telekom, jiġifieri li d-Direttivi in kwistjoni ma jipprekludux tali finanzjament, mhuwiex fondat.

62. Ma nistax ma nenfasizzax il-kontradizzjoni li teżisti meta jiġi sostnut, min-naħa l-waħda, li skond l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388, kontribuzzjonijiet iktar baxxi mill-ispiża reali tal-provvista tas-servizz huma illeġittimi u, min-naħa l-oħra, li l-istess dispożizzjoni ma tipprekludix il-possibbiltà li t-telf konsegwenzjali jiġi kkumpensat.

63. Ovvjament, jekk id-dritt Komunitarju ma jridx dan it-telf, is-suġġeriment li jgħid li huwa possibbli li dan it-telf jiġi nnewtralizzat b'dan it-tip ta' kumpens jimplika li dan it-telf se jiġi pperpetwat [49].

64. Għaldaqstant, hemm bżonn li l-aċċessorju u l-prinċipal ikollhom l-istess eżitu [50], b'tali mod li, jekk jitħallas id-dejn, l-istess xorti għandha tmiss lill-konsegwenzi tiegħu.

65. Bħal marid immaġinarju [51], Deutsche Telekom qed tilmenta mid-dejn anakronistiku li, fil-fehma tiegħi, hija stess hi responsabbli għalih.

66. Naqbel mal-parteċipanti kollha fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari li t-telf marbut man-netwerk lokali fl-2003 ġie kkawżat mill-istrateġija ta' l-impriża dominanti, billi ma nista' nidentifika l-ebda ostaklu li kien iwaqqafha mill-eliminazzjoni ta' dan it-telf b'żieda fit-tariffi tagħha.

47 — Dwar l-interkonnessjoni f'suq tat-telekomunikazzjoni liberalizzat (Parti 2 : Is-separazzjoni tal-kontabbiltà u l-kontabbiltà ta' l-ispejjeż) [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 141, p. 6).

48 — COM(96) 608 tas-27 ta' Novembru 1996, rigward il-kriterji ta' evalwazzjoni ta' l-iskemi nazzjonali ta' kalkolu ta' l-ispejjeż u ta' finanzjament tas-servizz universali fis-settur tat-telekomunikazzjoni, u l-linji ta' gwida għall-Istati Membri rigward il-funzjonament ta' dawn l-iskemi [traduzzjoni mhux uffiċjali].

49 — Kif indikat fl-osservazzjonijiet tagħha Firma 01051 Telecom GmbH.

50 — *Sublato principali, tollitur accessorium*.

51 — Molière, *Le malade imaginaire*, Ed. Larousse, Pariġi, 1998, jirrakkonta b'mod grottesk l-esperjenzi sfortunati ta' l-ipokondrijaku Argan, skjav ta' mard immaġġinarju, li jrid iżewweġ lil bintu Angelika lil iben tabib għaliex dan l-arranġament jiżguralu assistenza medika tul ħajtu kollha.

67. L-argumenti li rrevelat Deutsche Telekom jgħaġġbuni. Deutsche Telekom qed issostni li l-preċetti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja [52], mhumiex applikabbli għal dan il-każ, minħabba li, f'dik il-kawża, ir-responsabbiltà għad-differenzi finanzjarji kienet maqsuma bejn l-organizzazzjoni tat-telekomunikazzjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, ipoteżi differenti, fil-fehma tagħha, minn dik ta' "defiċit ħtija biss ta' l-impriża [traduzzjoni mhux uffiċjali]" [53].

68. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lil Spanja talli ma kinitx konformi ma' dawn id-direttivi, minħabba l-limiti stretti għall-prezzijiet li ġew iffissati mill-awtorità regolatorja imma, fil-fehma tiegħi, anki jekk jeżisti marġni ta' diskrezzjoni, ma nistgħux ninjoraw li d-dwell bejn l-impriżi huwa kompromess anki mil-kontribuzzjonijiet addizzjonali li għandhom l-għan li jsostnu l-kapital ta' waħda minn dawn l-impriżi.

69. Il-finanzjament tas-servizz universali orjentat esklużivament ma' l-ispejjeż jimplika li l-konnessjoni man-netwerk lokali, li d-desinatarju aħħari tiegħu huwa l-klijent individwali, tiġi ssussidjata minn dan il-benefiċjarju f'forma ta' abbonament, u huwa biss jekk l-operatur pre-eżistenti jsib diffikultajiet biex jibbilanċja t-tariffi tiegħu, li f'dan il-każ ma seħħx, li jkunu jagħmlu sens l-evalwazzjoni tad-defiċit [54] u l-kumpens tiegħu, imma ovvjament mhux meta t-telf ikun ħtija ta' l-strateġija ta' l-impriża stess.

70. Bi qbil ma' l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, li qed issostni li l-kontribuzzjonijiet addizzjonali mitluba li għandhom l-għan li jkopru l-ispejjeż tal-konnessjoni ma jikkostitwixxux remunerazzjoni għas-servizzi ta' interkonnessjoni, pjuttost naħseb li, f'kuntest fejn ma jeżistux ostakli legali, iż-żieda ta' dawn il-kontribuzzjonijiet titbiddel f'mekkaniżmu moħbi ta' finanzjament, li jixbah lill-għajnuna mill-Istat [55], ipprojbita mid-dritt Komunitarju.

71. Madankollu, jeħtieġ li nirreaġixxu quddiem kontribuzzjonijiet eventwalment inġustifikati marbuta ma' obbligi ta' servizz universali, li jistgħu jiġu rimedjati permezz ta' sistemi ta' tqassim ekwu.

72. Ir-riġidità mhijiex assoluta, peress li l-ġurisprudenza [56] teskludi mill-ambitu ta' l-Artikolu 87(1) KE, ċerti miżuri amministrattivi adottati bħala korrispettiv għal servizzi obbligatorji ta' servizz pubbliku [57],

52 — Kawża C-500/01.

53 — Fis-seduta, il-Gvern Ġermaniż enfasizza li, minn Diċembru 1997, Deutsche Telekom setgħet tibbilanċja mill-ġdid il-prezzijiet tagħha bil-libertà kollha.

54 — Anness I tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/195/KE, tat-8 ta' Jannar 1998, dwar l-interkonnessjoni f'suq tat-telekomunikazzjoni liberalizzat (Parti 1 : L-iffissar tal-prezzijiet ta' l-interkonnessjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 73, p. 42).

55 — Fis-sentenza tat-23 ta' Frar 1961, Steenkolenmijnen in Limburg vs l-Awtorità Għolja (30/59, Ġabra p. 1), il-Qorti tal-Ġustizzja użat kunċett wiesa' ta' għajnuna, peress li minbarra s-servizzi pożittivi bħas-sussidji, semmiet oħrajn li, f'forom differenti, itaffu l-ispejjeż li jkunu inklużi fil-baġit ta' impriża; f'din il-perspettiva huma ppurjbiti s-servizzi li, bi kwalunkwe mod, jiffavorixxu direttament jew indirettament lill-impriżi, jew jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq [(sentenzi tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et* (C-39/94, Ġabra p. I-3547, punt 60); u tad-29 ta' April 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni, (C-342/96, Ġabra p. I-2459, punt 41)].

56 — Ara, rigward is-servizz pubbliku tat-trasport, is-sentenza ta' l-24 ta' Lulju 2003, Almark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, Ġabra p. I-7747); rigward il-kumpens għall-ġbir u għar-rimi taż-żjut użati, is-sentenza tas-7 ta' Frar 1985, ADBHU, (C-240/83, Ġabra p. 531); kif ukoll, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ dirett li għaliha huma suġġetti l-laboratorji farmaċewtiċi, meta din tikkorrispondi għall-ispejjeż addizzjonali li jkunu saru effettivamenti min-naħa tad-distributuri bl-ingrossa biex iwettqu l-obbligi tagħhom ta' servizz pubbliku, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Ferring, (C-53/00, Ġabra p. I-9067).

57 — Kunċett li jappartjeni aktar għal tradizzjonijiet legali bħal dawk ta' Spanja jew ta' Franza milli għat-tradizzjonijiet legali Anglosassoni.

meta ma jinvolvux titjib fil-pożizzjoni ta' l-impriżi.

73. Madankollu, jeħtieġ li noqogħdu partikolarment attenti biex ma ndgħajjfux lil dawk li jinsabu fl-istess sitwazzjoni u għal dan il-għan, fis-settur tal-komunikazzjoni, l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388 kien jippermetti lill-Istati Membri jqassmu dawn l-effetti anti-ekonomiċi permezz ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali jew ta' fond għas-servizz universali, dejjem jekk ikun "meħtieġ".

74. Ovvjament, dan il-kunċett ġuridiku indeterminat jiġi kkompletat biss minn miżuri leġiżlattivi li jimpedixxu l-ikkumpensar finanzjarju ta' l-ispiża tan-netwerk lokali, peress li mingħajr dawn l-ostakli, dawn il-kontribuzzjonijiet addizzjonali jkunu inġustifikati [58].

75. It-tħassib dwar il-ħtieġa li jiġi kopert it-telf jerġa' jfeġġ fl-Artikolu 5(1) u (3) tad-Direttiva 97/33, minn fejn tirriżulta l-importanza li l-kontribuzzjonijiet jkunu kkalkulati skond kriterji paragunabbli [59], u esklużivament fuq il-bażi ta' l-ispejjeż diretti tas-servizz, sitwazzjoni differenti minn dik ta' l-awtorizzazzjonijiet, bħal dawk fil-kawżi prinċipali, li saru mingħajr ma ttieħdet in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni globali, b'referenza għal kull impriża.

76. Il-kwistjoni tintemm bl-Artikolu 13(1) (a) u (b), tad-Direttiva Servizz Universali li tipprevedi bħala soluzzjonijiet, minbarra l-użu ta' fondi pubbliċi, il-ħolqien ta' fond ta' kumpens komuni, li jikkontribwixxu għalih il-fornituri kollha, li anki dan ikun inkompatibbli mat-trasferimenti ta' flus bejn l-impriżi individwali.

77. Għaldaqstant, huwa diffiċili li tirrikonċilja kwalunkwe miżura li għandha l-għan li tirrelativizza l-ibbilanċjar meħtieġ tat-tariffi ma' l-acquis Komunitarju, li jinċentiva s-sens ta' responsabbiltà ta' l-Istati Membri meta jiffissaw il-prezzijiet [60], responsabbiltà li, jekk ikun hemm bżonn, tista' tiġi eżegwita biss b'forom ta' kumpens li jkunu trasparenti u mhux kollużivi.

78. F'suq pubbliku bħal dak tal-komunikazzjoni, it-trasparenza [61] trid tkun partikolarment intensiva, peress li huma involuti l-interess ġenerali u r-rispett ta' l-ugwaljanza bejn l-operaturi, fatturi ewlenin li m'għandhomx jiġu injorati mingħajr ġustifikazzjoni.

79. Fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi

58 — F'dan ir-rigward, hija kategorija r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/195/KE, iċċitata iktar 'il fuq.

59 — Li, minnu nnifsu, jimplika li jiġu speċifikati l-kontribuzzjonijiet individwali li għandhom isiru minn kull min jopera fil-qasam tat-telekomunikazzjoni.

60 — Tabilħaqq, it-tielet premessa tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/195/KE, iċċitata iktar 'il fuq, tfakkar li, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-iffissar tat-tariffi għall-interkonnessjoni huwa ta' kompetenza ta' l-Istati Membri.

61 — Mit-tishih progressiv ġurisprudenzjali tal-prinċipju tat-trasparenza titnissel in-natura tiegħu ta' sors mhux miktub tad-dritt Komunitarju: sentenzi tal-25 ta' April 1996, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju tal-Belġju (C-87/94, Ġabra p. I-2043); u tat-18 ta' Novembru 1999, Unitron Scandinavia u 3-S (C-275/98, Ġabra p. I-8291).

l-ewwel domanda preliminari billi tiddikjara li d-Direttivi Kompetenza u Interkonnessjoni jipprekludu miżura bħal dik stipulata fid-dritt Ġermaniż, li biex jiġi kkumpensat it-telf ta' l-impriża dominanti, tippermetti kontribuzzjonijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-ispejjeż għall-interkonnessjoni li ma jiġux ikkalkulati esklużivament skond l-ispejjeż tas-servizz.

B — *Dwar it-tieni domanda preliminari*

80. Issa li rrispondejt l-ewwel domanda preliminari, jeħtieġ li jitneħħew id-dubbji li esprimiet il-qorti tar-rinviju rigward l-ostakli marbuta mal-prevalenza tad-Direttivi eżaminati fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkompatibbli.

81. Hu neċessarju li jiġi invokat il-prinċipju tal-preminenza tad-dritt Komunitarju u li jiġu eżaminati, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, billi nneħħu l-impuritajiet kunċettwali li jċajpru l-viżjoni ċara tar-realtà.

1. Preminenza assoluta

82. L-uniformità tad-dritt Komunitarju teżiġi li kemm ir-regoli primarji tiegħu kif ukoll dawk sekondarji fl-Istati Membri kollha jkollhom l-istess tifsira, l-istess qawwa vinkolanti u kontenut simili, għanijiet li ma jistgħux jintlaħqu fin-nuqqas tal-preminenza assoluta tad-dritt Komunitarju [62].

83. Madankollu, din il-karatteristika assoluta tonqos jekk tiġi ddubitata l-indiviżibbiltà tal-preminenza jew il-karattru inkundizzjonat tagħha, billi jiġi nnegat li l-prinċipju japplika għad-dritt Komunitarju kollu u japplika fil-konfront ta' kwalunkwe regola tad-dritt nazzjonali.

84. Taħt dan il-profil, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-bidunett ta' l-istabbiliment ta' l-Ewropa, sostniet li [63] "il-liġi li toħroġ mit-Trattat, ma tistax, […] tkun suġġetta għal dispożizzjonijiet legali domestiċi, indipendentement minn kif ikunu fformulati" u li "[d-dispożizzjonijiet tat-Trattat jipprevalu fuq kwalunkwe regola tad-dritt nazzjonali kontra tagħha]", li jagħti x'jifhem li l-preminenza testendi mingħajr riservi għall-kostituzzjonijiet stess ta' l-Istati.

85. Barra minn hekk, fit-tieni konklużjonijiet fil-kawża Pfeiffer [64] esprimejt in-nuqqas ta' qbil tiegħi ma' min sostna li l-preminenza tapplika biss għad-dritt Komunitarju primarju jew, l-aktar l-aktar, għar-regolamenti, distinzjoni li għandha titqies bħala waħda artifiċjali u mhux eżatta.

62 — Simon, D., *Le système juridique communautaire*, it-tieni edizzjoni, Presses Universitaires de France, Pariġi, 1998, p. 284.

63 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa vs ENEL (6/64, Ġabra p. 1141).

64 — Konklużjonijiet ippreżentati fis-27 ta' April 2004 fil-Kawżi Maqgħuda C-397/01 sa C-403/01 Pfeiffer *et*, li ġew deċiżi bis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004 (Ġabra p. I-8835), fejn fil-punt 42 tagħhom nanalizza s-sentenza Simmenthal, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-preminenza kemm tat-Trattat kif ukoll ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet direttament applikabbli u nosserva li, meta regola Komunitarja tipprekludi regola ta' Stat Membru, tkun qed tiġi affermata l-preminenza rikonoxxuta kważi erbgħin sena ilu, irrispettivament mis-sors Komunitarju: it-Trattat, regolament jew direttiva.

2. L-effett dirett tad-Direttivi Kompetizzjoni u Interkonnessjoni

86. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet telabora t-teorija ta' l-effett dirett fis-sentenza Van Gend & Loos [65], estendietha għad-direttivi fis-sentenza Van Duyn [66], fejn uriet li kienet sensittiva għad-drittijiet li dawn joħolqu favur l-individwi [67], u kkonfermatha fis-sentenzi Ratti [68] u Becker [69].

87. B'ċertu prudenza, hija mejlet il-miżien lejn in-naħa tal-funzjonalità tad-direttiva, billi eżiġiet li din tista' tiġi invokata sakemm tkun inkundizzjonata u preċiża biżżejjed [70], u sakemm ma jiġux adottati dispożizzjonijiet fit-terminu stabbilit jew ikun hemm kunflitti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu ġew ikkawżati minn traspożizzjoni ħażina jew inadegwata [71].

88. B'dan il-mod, l-individwi jsaħħu l-isfera ġuridika tagħhom u d-dritt Komunitarju jistabbilixxi l-utilità tiegħu, li ma tonqosx minħabba li d-direttivi ma jiġux implimentati jew eventwalment jiġu implimentati b'mod mhux korrett.

89. Dawn l-elementi flimkien jikkostitwixxu l-bażi argumentattiva li ssostni l-applikabbiltà diretta ta' l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388 u ta' l-Artikolu 12(7) tad-Direttiva 90/33, li magħhom hu inkompatibbli l-Artikolu 43(6) tat-TKG 1996 [72].

90. Meta d-dritt nazzjonali ma jistax jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt Komunitarju, jekk ikun mistenni mill-qorti li taġixxi b'tali mod li tikseb armonija dan ikun ifisser li jiġi oltrepassat il-konfini dejjaq bejn il-ħolqien ġuridiku u l-interpetazzjoni [73].

91. Mid-dispożizzjonijiet ikkontestati jirriżulta li l-ġbir ta' kontribuzzjoni addizzjonali għall-ispejjeż ta' konnessjoni kien illeġittimu fil-Ġermanja mill-1 ta' Jannar 1998 (l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388), skond il-kriterju ta' l-orjentazzjoni ma' l-ispejjeż (l-Artikoli 7(2) u 12(7) tad-Direttiva 97/33).

65 — Sentenza tal-5 ta' Frar 1963, Van Gend & Loos (26/62, Ġabra p. 1).

66 — Sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn (41/74, Ġabra p. 1337).

67 — Il-Qorti tal-Ġistuzzja insitiet fuq dan l-aspett fis-sentenzi tas-26 ta' Frar 1975, Bonsignore, (67/74, Ġabra p. 297); tat-28 ta' Ottubru 1975, Rutili (36/75, Ġabra p. 1219); tat-8 ta' April 1976, Royer (48/75, Ġabra p. 497); tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, Ġabra p. 1999); tas-7 ta' Lulju 1976, Watson u Belmann (118/75, Ġabra p. 1185); ta' l-14 ta' Lulju 1977, Sagulo *et*, (8/77, Ġabra p. 1495); u tat-3 ta' Lulju 1980, Pieck (157/79, Ġabra p. 2171).

68 — Sentenza tal-5 ta' April 1979 (148/78, Ġabra p. 1629).

69 — Sentenza tad-19 ta' Jannar 1982, (8/81, Ġabra p. 53).

70 — M. Wathelet, f'"Du concept de l'effet direct à celui de l'invocabilité au regard de la jurisprudence récente de la Cour de Justice" *A true European Law. Essays for Judge David Edward,* Ed. Mark Hoskins & William Robinson, Oxford and Portland, Oregon, 2003, p. 370, isostni li l-preċiżjoni u l-karattru inkundizzjonat tad-direttiva jridu jeżistu fl-istess ħin biss meta r-referenza għar-regola Komunitarju ssir biex tissostitwixxi r-referenza għar-regola nazzjonali, imma mhux meta wieħed irid sempliċement jeskludiha, anki jekk il-ġurisprudenza titlob dan anki f'dawn il-każi.

71 — Sentenzi tat-22 ta' Ġunju 1989, Fratelli Costanzo (103/88, Ġabra p. 1839); u ta' l-1 ta' Ġunju 1999, Kortas (C-319/97, Ġabra p. I-3143).

72 — F'dan ir-rigward, naqbel mad-deċiżjoni tar-rinviju (punti 44 *et seq.*), li tidher li m'għandha l-ebda dubju rigward l-eżistenza ta' drittijiet preċiżi u inkundizzjonati li jikkonferixxu dawn id-direttivi.

73 — F. Emmert, "Les jeux sont faits: rien ne va plus ou une nouvelle ocassion perdue par la CJCE", fir-*Revue trimestrielle de droit européen*, nru. 1, (1995), p. 17.

92. F'dan il-każ m'għandniex x'naqsmu ma' kunċetti astratti, imma ma' dispożizzjonijiet leġiżlattivi konkreti, li jagħtu lill-operatur tat-telekomunikazzjoni d-dritt li l-prezz ta' l-interkonnessjoni jinkludi biss l-ispejjeż tal-konnessjoni man-netwerk lokali.

93. Barra min hekk, l-assjoma ġuridika ta' dawn id-dispożizzjonijiet hi bbażata fuq il-prinċipju tal-kompetizzjoni ħielsa [74], li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet [75] bħala kapaċi joħloq drittijiet li jkollhom effett dirett, anki fir-relazzjonijiet bejn persuni privati (orizzontali), li l-ħarsien tagħhom hija fdata f'idejn il-qrati nazzjonali.

94. L-espressjoni konkreta tal-kunċett ta' "orjentazzjoni tat-tariffi ma' l-ispejjeż" fl-aħħar mill-aħħar hija riflessa fid-determinazzjoni finali ta' l-ammont, għalkemm ma tippreġudikax is-sustanza ta' l-imsemmija drittijiet.

95. L-argument li żviluppaw il-Gvern Ġermaniż u Deutsche Telekom biex jiċħdu li dawn il-miżuri huma preċiżi huwa vvizzjat minn konfużjoni kbira li tonqos hekk kif jiġi identifikat l-iżball, jiġifieri li l-att ta' "integrazzjoni", kunċett indeterminat, ġie konfuż ma' dak ta' l-"implimentazzjoni" ta' direttiva.

96. Għaldaqstant, l-awtorità regolatorja nazzjonali tiddefinixxi l-ammont tat-tariffa, imma fuq bażi legali daqstant preċiża u inkundizzjonata (il-projbizzjoni ta' ammonti addizzjonali mhux meħtieġa biex ikunu koperti l-ispejjeż) li ma teħtieġ l-ebda leġiżlazzjoni supplementari, Komunitarja jew nazzjonali.

97. Fi kwalunkwe każ, għandna nżommu quddiem għajnejna, kif sostna l-Avukat Ġenerali Mázak fil-konklużjonijiet tiegħu [76] relattivi għall-kawża Félix Palacios de la Villa [77], li l-ġurisprudenza lanqas ma tiċħad l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva suġġetta għal eċċezzjonijiet jew li teħtieġ ġustifikazzjoni.

3. Ir-relazzjonijiet vertikali, orizzontali u trijangolari

98. Id-duttrina ta' l-effett dirett timxi fuq pjan vertikali f'direzzjoni waħda (min-naħa tal-persuna privata lejn l-Istat), peress li huma pprojbiti kemm il-moviment fid-direzzjoni opposta (relazzjonijiet vertikali bil-maqlub) [78], kif ukoll movimenti perpendikulari li jippermettu li tkun invokata direttiva *inter privatos* (effett orizzontali) [79].

74 — Artikolu 82 KE.

75 — F'ġurisprudenza kostanti, kif juru s-sentenzi tat-30 ta' April 1974, Sacchi (C-155/73, Ġabra p. 409); tat-30 ta' Jannar 1974, BRT vs SABAM (C-127/73, Ġabra p. 51); ta' l-10 ta' Diċembru 1991, Merci Convenzionali porto di Genova (C-179/90, Ġabra p. I-5889); tat-18 ta' Marzu 1997, Guérin automobiles vs Il-Kummissjoni (C-282/95 P, Ġabra p. I-1503); tas-17 ta' Lulju 1997, GT-Link (C-242/95, Ġabra p. I-4449); tas-16 ta' Settembru 1999, Becu *et* (C-22/98, Ġabra p. I-5665); tat-8 ta' Ġunju 2000, Carra *et* (C-258/98, Ġabra p. I-4217); u ta' l-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-99/02, Ġabra p. I-3353).

76 — Ippreżentati fil-15 ta' Frar 2007, fejn issir referenza għall-punt 105 tas-sentenza Pfeiffer *et*, iċċitata aktar 'il fuq, fejn fit-tieni konklużjonijiet tiegħi (fil-punt 36) nenfasizza l-importanza tal-fatt li ma nħottux il-progress li sar fir-rigward ta' l-effett dirett.

77 — Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007 (C-411/05, Ġabra p. I-8531).

78 — Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, X (C-74/95 u C-129/95, Ġabra p. I-6609).

79 — Sentenza tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723).

99. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-ġurisprudenza ta' l-effett dirett tad-direttivi tiġi estiża għall-ambitu tar-relazzjonijiet bejn l-individwi jfisser li tkun rikonoxxuta favur il-Komunità s-setgħa li timponi obbligi fuq dawn ta' l-aħħar, filwaqt li din il-kompetenza hija limitata għall-adozzjoni ta' regolamenti jew ta' deċiżjonijiet [80].

100. Minkejja dan, is-snin ma rnexxilhomx isikktu l-ilħna favur ir-rikonoxximent ta' l-effett orizzontali, bħal dik ta' l-Avukat Ġenerali Lenz [81] fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Faccini Dori [82], fuq il-bażi ta' l-argumenti żviluppati preċedentement mill-Avukati Ġenerali Van Gerven [83] u Jacobs [84].

101. L-awturi jħossu li ntilfet okkażjoni [85], minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-ġurisprudenza tagħha mingħajr eżitazzjoni [86] meta d-direttivi jaffettwaw id-drittijiet ta' l-individwi, li m'għandhomx x'jaqsmu mar-relazzjoni vertikali, biex b'hekk ingħata bidu għat-teorija tar-relazzjonijiet trijangolari [87].

102. Madankollu, fil-kawża Wells [88], f'qasam bħal dak ambjentali [89], fejn l-interessi involuti huma mifruxa, il-ġurisprudenza sabet art aktar soda fejn, minkejja li spjegat li "individwu ma jistax jinvoka direttiva fil-konfront ta' Stat Membru, jekk ikun involut obbligu ta' l-Istat direttament marbut mat-twettiq ta' obbligu ieħor impost fuq parti terza, skond din id-direttiva [traduzzjoni mhux uffiċjali]" (punt 56), semmiet espliċitament għall-ewwel darba li "sempliċi riperkussjonijiet negattivi fuq id-drittijiet ta' terzi persuni, anki jekk ikunu ċerti, ma jiġġustifikawx li indivdwu ma jitħalliex jinvoka d-dispożizzjonijiet ta' direttiva fil-konfront ta' l-Istat Membru kkonċernat [traduzzjoni mhux uffiċjali]" (punt 57).

4. Il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tat-TKG

103. Ir-repertorju tal-ġurisprudenza Komunitarja ma tammettix stunaturi, anki jekk

80 — Sentenza tas-7 ta' Marzu 1996, El Corte Inglés (C-192/94, Ġabra p. I-1281, punt 17).

81 — L-Avukat Ġenerali jitlob żvilupp ġurispurdenzjali bbażat fuq it-Trattat, billi jinvoka l-interess ta' applikazzjoni uniformi u effikaċi tad-dritt Komunitarju, biex din id-duttrina tiġi estiża għar-relazzjonijiet bejn il-persuni privati u b'dan il-mod jiġu sodisfatti l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

82 — Sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1994 (C-91/92, Ġabra p. I-3225).

83 — Konklużjonijiet ippreżentati fis-26 ta' Jannar 1993, fil-Kawża C-271/91 Marshall, li ġiet deċiża bis-sentenza tat-2 ta' Awissu 1993 (Ġabra p. I-4367).

84 — Konklużjonijiet ippreżentati fis-27 ta' Jannar 1994, fil-Kawża C-316/93 Vaneetveld, li ġiet deċiża bis-sentenza tat-3 ta' Marzu 1994, (Ġabra p. I-763).

85 — Minbarra l-artiklu ċċitat ta' F. Emmert, din il-perċezzjoni jiddeskriviha wkoll T. Tridimas, "Horizontal effect of directives: a missed opportunity?" fil-*European Law Review*, nru 6 (1994), pp. 621 sa 636.

86 — Kif enfasizzajt fil-punt 41 tat-tieni konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pfeiffer *et*.

87 — Fir-rigward ta' kuntratti pubbliċi, is-sentenza Fratelli Costanzo, iċċitata iktar 'il fuq; dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' l-ispeċjalitajiet farmaċewtiċi, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1996, Smith & Nephew u Primecrown (C-201/94, Ġabra p. I-5819); fir-rigward tar-regolamenti tekniċi, is-sentenzi tat-30 ta' April 1996, CIA Security International (C-194/94, Ġabra p. I-2201); u tas-26 ta' Settembru 2000, Unilever (C-443/98, Ġabra p. I-7535).

88 — Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, (C-201/02, Ġabra p. I-723).

89 — Anki jekk l-effett orizzontali indirett fil-qasam ambjentali diġà kien ġie kkonfermat mis-sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, World Wildlife Fund *et* (C-435/97, Ġabra p. I-5613).

f'każi bħal dan in kwistjoni, iċċedi għall-melodija tar-relazzjonijiet trijangolari.

104. Ma narax raġunijiet li jipprekludu dan. Għandu jitfakkar li r-relazzjonijiet ta' fatt u dawk ġuridiċi sottostanti dawn ir-rinviji għal domandi preliminari jikkonċernaw persuni privati (Arcor, TELE2 u Telekom GmbH) li mhux qed jaġixxu kontra persuni privati oħrajn, imma direttament kontra l-Istat (Regulierungsbehörde für Telekommunikation und Post).

105. Hawnhekk tinsab id-differenza fundamentali bejn din il-kawża u kawżi oħrajn, u b'mod partikolari il-kawża Telefónica O2 Czech Republic, li tikkonċerna tilwima bejn żewġ operaturi tat-telekomunikazzjoni fuq l-aċċess għan-netwerk, li tat bidu għal proċedura ċivili bejniethom, fejn l-awtorità regolatorja ġiet irrelegata għar-rwol ta' medjatriċi.

106. Madankollu, fil-kunflitt ġudizzjarju moħbi f'din il-kawża m'hemmx lok għall-awtonomija tar-rieda, u lanqas, għalhekk, għad-dritt privat, sabiex tiġi ddeterminata t-tariffa, peress li l-ordinament legali Komunitarju u dak Ġermaniż jikkonferixxu kompetenza esklużiva lill-Istat.

107. F'dan il-kuntest, id-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet addizzjonali mitluba hi indipendenti mill-awtorizzazzjoni preċedenti għall-interkonnessjoni (li żgur li għamlet possibbli r-relazzjonijiet kuntrattwali) u takkwista konnotazzjonijiet partikolari, b'mod li tinbidel fi problema awtonoma.

108. Il-Bundesverwaltungsgericht m'għandhiex għalfejn tkun iddiżappuntata, peress li f'dan il-każ mhux qed jiġi invokat dritt li mhu marbut bl-ebda relazzjoni mas-setgħat pubbliċi, li hu kapaċi jippreġudika lil persuna oħra, kif ġara fil-kawża Busseni[90], anzi, hekk kif ġara fil-kawżi Wells u Fratelli Costanzo, id-dannu jirriżulta mill-intervent ta' l-Istat.

109. Għaldaqstant, mhemmx effetti orizzontali diretti u lanqas danni reali għall-impriża dominanti. Barra minn hekk, id-dritt pretiż minn din ta' l-aħħar ngħatalha minn dispożizzjoni li qiegħda f'kunflitt mad-dritt Komunitarju u l-pożizzjoni tagħha hi affettwata biss indirettament, peress li mhi se tirċievi l-ebda kontribuzzjoni illegali.

110. Għalhekk jidher inevitabbli li t-tieni domanda preliminari tingħata risposta affermattiva fid-dawl tal-preminenza tad-dritt Komunitarju, li jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li tiggarantixxi lill-parti kkonċernata d-drittijiet li jitnisslu mid-direttivi tiegħu meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tħallihiex tgawdi dawk id-drittijiet.

90 — Sentenza tat-22 ta' Frar 1990, (C-221/88, Ġabra p. I-495).

V — Konklużjoni

111. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar ’il fuq, nissuġġerrixi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari li għamlitilha l-Bundesverwaltungsgericht, kif ġej:

“1) L-Artikolu 4c tad-Direttiva tal-Kummissjoni 90/388/KEE, tat-28 ta’ Ġunju 1990, dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ta’ telekomunikazzjoni u l-Artikoli 7(2) u (4) u 12(7) tad- Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ,tat-30 ta’ Ġunju 1997, dwar interkonnessjoni fit-telekomunikazzjonijiet fir-rigward ta’ l-assigurazzjoni ta’ servizz universali u interoperabbiltà permezz ta’ l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ provvista ta’ netwerk miftuħ, jipprekludu lil awtorità regolatorja nazzjonali milli tobbliga lill-operatur ta’ netwerk ta’ konnessjoni interkonness ma’ netwerk lokali pubbliku jħallas, lill-operatur f’pożizzjoni dominanti, kontribuzzjoni sabiex jikkumpensa t-telf ikkawżat lil dan l-operatur ta’ l-aħħar minħabba t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ dan in-netwerk.

2) Il-qorti nazzjonali għandha tieħu in kunsiderazzjoni din l-inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta’ regola tad-dritt nazzjonali tagħha f’proċeduri fejn l-operatur dominanti ikun qed jippretendi li jitwettaq l-imsemmi obbligu.”